# L-Għerf tal-Konti ta' Vergennes

Il-Konti ta' Vergennes kien *Ministru ta' l-Affarijiet Barranin* ta' Wiġi XVI, re ta' Franza. Dan il-Konti kien bniedem ħabrieki, ta' dehen u ta' ħila kbira fi ħwejjeġ *diplomatiċi*. Fost il-ħwejjeġ l-oħra li għamel kellu l-ħila li, mill-lewn u minn ħżuż li kienu jkunu fuq il-passaporti u karti oħra ta' nies barranin li jridu jidħlu fi Franza, jieħu tagħrif moħbi fuq dak il-bniedem barrani. Vergennes m'għandni ex xi ngħidu, kien miftiehem ma' l-*ambaxxaturi* franċiżi mxerrdin mad-dinja kollha l-aktar ma' dawk fl-Ewropa. B'dan il-ftehim il-ministru kien ikun jaf ukoll l-anqas ħaġa dwar il-bniedem barrani li kien jidher quddiemu.

Dawn li ġejjin kienu lwien tal-karta li juru l-barranin minn fejn hu *tabilħaqq*: abjad, mill-Portugall, aħmar, minn Spanja, isfar, mill-Ingilterra, abjad bl-isfar mir-Republika ta' Venezja, etc. etc. Il-għamla tal-karti kienet turi s-snin: għamla kwadra kienet tfisser li dak il-barrani kellu minn 55 sa 60 sena; għamla *rettangulari*, aktar minn 60 sena; għamla tonda, anqas minn 25 sena, etc. etc. Il-lemħa tal-bniedem kienet tkun imfissra minn xi ħżuż taħt l-isem tal-barrani. Kienet drawwa ta' dak iż-żmien li jkun hemm maħżuża jew mitbugħa warda fuq il-karta, imma għall-Vergennes il-warda kienet tfisser li wiċċ il-barrani kien sabiħ u li kien bniedem jinġieb man-nies!

Iżjed: timbru n-naħa tal-lemin tal-passaport jew karti oħra kien ifisser bniedem għażeb, fuq in-naħa tax-xellug, bniedem armel, fin-nofs, miżżewweġ. L-isem tal-barrani imbagħad, kien ikollu ħżuż li kienu juru ta' liema twemmin hu, punt kien ifisser nisrani; punt u virgla Luteran: virgla, Kalvinist, xejn ħżuż, ma jemmen b'xejn! Tikka fuq in-naħa tax-xellug tal-karta kienet turi l-għana tal-barrani. Tikka fl-għoli, għani ħafna; aktar mat-tikka tinżel l-isfel, inqas il-barrani jkun għani.

Kienet ukoll drawwa ta' dawk iż-żmenijiet li l-karti kienu jkunu mdawwrin max-xifer b'xi disinji mitbugħin. Minn dawn Vergennes sata' jagħraf x'kienu l-ħwejjeġ tajba u l-ħwejjeġ ħżiena li kien jaf jagħmel dal-bniedem barrani li ried jidħol fi Franza, jekk kienx bniedem li jitħalla waħdu jew li joqogħdu b'għajnejhom fuqu, x'kien jagħmel u għalfejn daħal fi Franza.

Naraw mela, illi f'dawk iż-żmenijiet kienet ħaġa tqila biex tidħak b'dawk in-nies li kienu jmexxu l-pajjiż, naraw ukoll il-ħżunija ta' ministru Franċiż ta' dawk iż-żmenijiet li għaraf kif isib għamla ta' kitba li ma setgħetx tinkixef kif ġieb u laħaq. U mbagħad xi ngħidu għal dawk li nqabdu finnassa, dawn in-nies barranin li riedu jidħlu fi Franza, li mingħalihom ma kenux magħrufin minn ħadd, u f'daqqa waħda sabu ruħhom maqfula ġo ħabs?!

SALV. TELLUS